MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 826/1994/2

**Joseph Sammut**
VS
**Francis Vassallo fil-kwalita' tieghu ta' Gvernatur, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank Centrali ta' Malta u b'nota tas-16 ta' Awissu, 1994 Henry C Degabriele assuma l-atti tal-kawza fil-kwalita' tieghu ta' deputat gvernatur tal-Bank centrali ta' Malta flok il-Gvernatur Francis Vassallo illi jinsab assenti minn dawn il-gzejjer u b'digriet tad-19 ta' Frar, 2001 minhabba tibdil fil-persuna li qed tmexxi l-Bank Centrali dahal Michael Bonello flok Francis Vassallo**
Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fit-3 ta' Gunju 1994 li biha ppremetta li l-Bank Centrali ta' Malta, fil-11 ta' Gunju, 1992 ittermina l-impjieg ta' l-attur, li kellu l-grad ta' Assistant Executive (grad manigerjali);

Ippremmetta illi t-Tribunal Industrijali, fit-3 ta' Frar, 1993 sab li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-attur minn mal-bank konvenut kienet ingusta, u ordna li l-bank konvenut ihallas

lill-attur is-somma ta’ LM5,000 bhala kumpens ghat-telf ta’ l-impjieg tieghu;

Ippremetta illi b’ittra ufficcjali ta’ l-10 ta’ Awissu, 1993 l-attur interpella lill-bank konvenut halli dan ihallas lill-attur *gratuity* ekwivalenti ghal salarju ta’ xahar ghal kull sena ta’ l-impjieg mal-bank, il-beneficcju tal-‘*petrol allowance’* li kien ghadu dovut lill-attur, il-beneficcju tat-*telephone allowance* l-istess dovut, il-bilanc dovut tas-*sick leave* bejn Gunju u Settembru 1992 stante n-nuqqas tal-bank konvenut li jibghat ic-certifikat preskritt lid-Dipartiment tas-Sigurta’ Nazzjonali, kif ukoll kull beneficcju iehor li l-attur seta’ kien intitolat ghalih, u dana skond il-provvedimenti tal-klawsola 13 tal-Ftehim Kollettiv bejn il-bank konvenut u l-impjegati tieghu;

Ippremetta illi l-bank konvenut irrifjuta li jaghmel dan;

Talab ghalhekk ighid il-konvenut *nomine* ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

(a) tiddikjara li l-Bank Centrali ta’ Malta huwa obbligat ihallas lill-attur *gratuity* ekwivalenti ghal salarju ta’ xahar ta’ l-attur ghal kull sena shiha li huwa ghamel fl-impjieg tal-bank konvenut, u dana skond klawsola 13 tal-Ftehim Kollettiv ta’ l-impjegati tal-gradi ezekuttivi tal-Bank Centrali ta’ Malta, oltre l-beneficcji l-ohra li l-attur kien intitolat ghalihom, u l-bilanc ta’ l-*allowances* dovuti lill-attur, u l-*entitlement* tas-*sick leave* bejn Gunju u Settembru 1992, li ma thallasx lill-attur mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Nazzjonali;

(b) tillikwida l-*gratuity*, il-beneficcji, u l-bilanci imsemmija; u

(c) tikkundanna lill-Bank Centrali ta’ Malta ihallas fi zmien perentorju s-somma globali tal-*gratuity*, beneficcji, u bilanci, lill-attur, bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament. Bl-ispejjez kontra il-konvenut nomine, ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijet tal-konvenut *nomine* fejn ecepixxa:

Illi dina l-Qorti ma hijiex kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza izda huwa kompetenti biss it-Tribunal Industrijali skond l-“Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali” (Kap 266);

Illi minghajr pregudizzju ta’ l-ewwel eccezzjoni t-talbiet ta’ l-attur f’din il-kawza iffurmaw parti mill-meritu tal-kawzi decizi mit-Tribunal Industrijali fit-3 ta’ Frar, 1993 u 3 ta’ Novembru, 1993 u ghalhekk jiffurmaw “*res judicata*”.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tas-16 ta’ Gunju 1995, li in forza taghha laqghat bhala fondata l-eccezzjoni ta’ inkompetenza sollevata mill-konvenut u ddikjarat ruhha inkompetenti a tenur ta’ l-artiklu 28(1) tal-Kap. 266 u astjeniet ruhha milli tiehu konjizzjoni tal-kawza.

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Mejju 2000 li in forza taghha laqghet l-appell ta’ l-attur, irrevokat is-sentenza appellata u b’hekk cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Dik l-Onorabbli Qorti ordnat ukoll li l-atti jigu rimessi lill-din il-Qorti li hi kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-meritu, kif propost u kif f’dawn il-konsiderazzjonijiet originat, biex din il-Qorti finalment titratta u tiddeciedi l-kaz; ordnat li l-ispejjez tal-appell ikunu a kariku tal-Bank konvenut

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet li ressaq il-konvenut;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f’din il-kawza l-attur kien impjegat bhala Assistant Executive fil-Bank Centrali ta’ Malta u fil- 11 ta’ Gunju 1992, safa mkecci mix-xoghol. L-attur ressaq il-kaz tieghu

quddiem it-Tribunal Industrijali u din, b'decizjoni moghtija fit-3 ta' Frar 1993, sabet li t-tkeccija kienet wahda ingusta u t-Tribunal kien ordna li l-attur jithallas is-somma ta LM5,010 bhala kumpens ghal dik it-tkeccija ingusta. L-attur qed jallega li skond il-ftehim kollettiv, huwa intitolat ghal-certi *allowances* u *gratuity payment* li hu ghandu jithallas f'kull kaz ta' tmiem ta' impjieg. L-attur, fil-fatt, qed jitlob somma ta' LM7,302.33, konsistenti fi *gratuity payment*, hlas ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali, hlas ta' beneficcju tal-mard, *petrol expense allowance, telephone expense allowance* u *qualification allowance*. Il-Bank konvenut jallega li dawn huma kollha kwistjonijiet li t-Tribunal Industrali ha jew messu ha in konsiderazzjoni fid-decizjoni tieghu u l-ghoti tal-kumpens kien ghas-saldu ta' kull somma talvolta dovuta lill-attur konsegwenza tat-tmiem tal-impjieg. L-allegazzjoni ta' l-attur hija li, fil-waqt it-Tribunal Industrijali, kien kompetenti biss biex jikkumpensah talli gie mkecci ingustament huwa xorta jibqghalu dritt ghal dawk il-beneficcji li kien intitolat ghalihom qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu u li sa dak il-jum hu ma kienx ghadu thallas taghhom.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni li tat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'din il-kawza partikolarment ghal dik il-parti fejn jinghad hekk: "Ir-relazzjonijiet guiridici li jemanu minn Ftehim Kollettiv li indubbjament jikkostitwixxu kuntratt bejn il-firmatarji tieghu u cioe' bejn il-Bank u r-rapprezentanti tal-haddiema, kienu relazzjonijiet li jemanu *ex contractu* u bhala tali sindikabbli mill-Qrati ordinarji.".

Minn dan isegwi li l-funzjoni tat-Tribunal Industriali hi biex tiddetermina kienx hemm tkeccija ingusta u f'kaz li hekk tiddetermina tordna li l-haddiem jerga' jinghata l-impjieg tieghu jew skond il-kaz jinghata kumpens; mhux kompetenza tat-Tribunal li jidhol biex jiddetermina relazzjonijiet li jemanu *ex contractu*. Fil-fatt gie deciz li jekk it-Tribunal Inudstrijali tagixxi oltre il-kompetenza taghha, il-Qrati ordinarji ghandhom gurisdizzjoni jisindikaw dak li operat u anke jhassru d-decizjoni ( ara "Holland noe vs Schembri" decisa mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Mejju 1991). Kwistjonijiet li johorgu minn kuntratt ma

jaqghux fil-kompentenza tat-Tribunal Industrijali, li hi limitata ghal ghoti ta' kumpens f'kaz ta' terminazzjoni ta' impjieg minghajr raguni gusta. Jekk l-impjegat qabel ma gie mkecci, kien intitolat ghal xi beneficcji li ma lahaqx ha, huwa xorta jibqa intitolat ghalihom u l-ordni ghal-hlas tista tinghata biss mill-Qrati ordinarji u mhux mit-Tribunal Industrijali.

Fil-ktieb "*Modern Employment Law*" ta' l-awtur Michael Whincup (*6th edition page* 153), jinghad li
*"Essentially the compensatory award depends on proved economic loss – not only for the period out of work and differences in pay and prospects but also, for example, loss of pension rights and a token for temporary loss of protection against dismissal in the future."*

Minn dan il-bran, jidher li l-kumpens moghti mit-Tribunal hu relattat direttament mat-tkeccija u l-konsegwenzi li din iggib maghha; huwa progettat il-quddiem, cioe' ghat-telf li l-impjegat jista jsofri fil-futur immedjat. Fi kliem iehor, il-kumpens moghti mit-Tribunal Industrijali jista' jitqies li ghandu n-natura ta' *lucrum cessans*, li ma iccahhadx lil impjegat li jitlob mill-Qrati ordinarji d-*damnum emergens*, danni li johorgu mil-drittijiet tieghu taht il-kuntratt ta' impjieg.

Fid-decizjoni tat-Tribunal f'dan il-kaz ma hemm xejn x'jindika li t-Tribunal dahal f'aspetti tal-Ftehim Kollettiv jew ikkumpensa lill-attur ghal beneficcji li kellu jiehu li izda ma hax. It-Tribunal Industrijali iffissa l-kumpens li deherlu li kellu jinghata lill-attur talli gie terminat l-impjieg tieghu hesrem, izda aktar minn hekk la iddecieda u lanqas kellu kompetenza jiddeciedi. Kwindi m'hemmx kwistjoni li ghal azzjoni attrici, jista josta l-gudikat, kif ecepixxa l-konvenut. Il-gudikat jolqot kemm kwistjonijiet gia deteminati mit-Tribunal kompetenti, kif ukoll dawk li setghu u messhom gew determinati f'dik il-kwistjoni (ara "Bonello vs Cuschieri", decisa mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Marzu 1950, u " Farrugia vs Borg Reveille" decisa min din il-Qorti fis-27 ta' Gunju 1995). F'dan il-kaz, il-kwistjoni tal-beneficcji li l-attur jista jkun intitolat ghalihom, la giet determinata u lanqas setghet tigi determinata mit-

Tribunal Industrijali. Kwindi, l-eccezzjoni ta' "*res judicata*" sollevata mill-konvenut ghandha u qed tigi respinta.

Il-Qorti sejra issa tezamina l-pretensjoni tal-attur u jekk ghandux dritt ghas-somma reklamata. L-attur qed jitlob fl-ewwel lok, hlas ta' *gratuity* ekwivalenti ghal salarju ta' xahar ghal kull sena tal- impjieg tieghu mal-Bank. Dan il-gratuity huwa stipulat bhala beneficcju lill-haddiema tal-Bank Centrali fit-tieni parti ta' klawsola 13 tal-Ftehim Kollettiv. Dan il-*gratuity* ghandu jithallas f' kaz ta terminazzjoni tal-impjieg u l-istess klawsola tkompli tenfasizza li "*the same gratuity shall be due to an employee whose termination of employment is declared injust by the competent tribunal according to law."* Dan hu precizament il-kaz in kwistjoni u *ai termini* ta' dik il-klawsola kontrattwali, il-bank konvenut irid ihallas il-*gratuity* lill-attur kif hemm pattwit.

L-attur qed jitob ukoll xahrejn *petrol allowance* u xahrejn *telephone expense allowance*. Dawn jirreferu ghall-perjodu ta' qabel ma gie terminat l-impjieg tal-attur u allura, huwa intitolat ghalihom *ex contractu*.

L-istess jista jinghad ghal *qualification allowance.* Mill-atti tal-process trattat mit-Tribunal Industrijali (il-volum originali jinstab fl-Arkivji ta' dawn il-Qrati vol. 131) jidher li l-attur ghandu kwalifiki li jintitolawh ghal din l-*allowance*. Jidher li, tul l-impjieg tieghu, l-attur qatt ma inghata din l-*allowance* ghax qed jitlob li jinghata l-*allowance* ghaz-zmien kollu li kien impjegat mas-Central Bank (sittax –il sena). Il-Bank konvenut mhux qed jikkontesta din il-pretensjoni *ut sic*, u giet ukoll konfermata bil-gurament mill-attur; din it-talba tidher ghalhekk li hi gustifikata.

L-attur qed jitlob ukoll kumpens ekwivalenti ghal-hlas ta' kontibuzzjoni tas-Sigurta' Socjali. L-attur ma spjegax x'ried ifisser b'din it-talba u ghalhiex qed jitlobha, mehud kont li ma tohrog mill-Ftehim Kollettiv. Din il-Qorti ma thoss li l-attur irnexxielu jiggustifika din it-talba.

Fl-ahharnett, l-attur qed jitlob ukoll il-beneficcji tal-mard li ma thallasx mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Mill-atti

tal-process quddiem it-Tribunal Industrijali, jidher li din it-talba tirreferi ghaz-zmien bejn Gunju u Settembru tal-1992, u allura ghal-zmien wara t-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur. Kwindi, din il-pretenzjoni ma tidhirx li hi gustifikata ghax prezumibilment ittiehdet in konsiderazzjoni mit-Tribunal Industrijali fil-fissazzjoni tal-kumpens minnha likwidat.

Dwar l-ammonti dovuti dawn gew ikkonfermati bil-gurament mill-attur u ma gewx kontestati mill-Bank konvenut hlief b' dokument (mhux mahluf) anness man-Nota tal-Osservazzjonijiet tieghu, li mhux qed jigi accettat peress li f'dan l-istadju mhux permess provi godda, u kwindi l-ammonti konfermati mill-attur qed jigu accettati min din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi, fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni ta' *res judicata* sollevata mill-konvenut tilqa t-talbiet tal-attur, tillikwida s-somma li ghandu jiehu bhala gratuity u beneficcji ohra fl-ammont ta LM6,654.93 (sitt telef sitt mija u erba' u hamsin liri Maltin u tlieta u disghin centezmu), u tikkundanna lill-Bank konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' LM6,654.93.

L-ispejjes tal-kawza hlief dawk gia decizi jithallsu kollha mill-konvenut *nomine*.

Hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, il-Qorti qed tawtorizza min issa lis-Segretarju tat-Tribunal Industrijali sabiex jirtira u jiehu lura il-kopji tal-ufficcju tal-*file* tal-kaz li instema quddiem dan it-Tribunal u li kienu gew esebiti "*animo ritirandi*" mill-istess Segretarju waqt l-udjenza mizmuma fit-18 ta' April 2002.

IMHALLEF

D/REG